**16 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif

## Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi - Importazzjoni - Xjenza

*Il-liġi tagħna, kemm għal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tużax il-kelma "xjentement"; fi kliem ieħor il-liġi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tiegħu" (artikolu 8 (a) (ċ), Kap. 101), "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tiegħu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Għalkemm il-leġislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma jużax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliċement ta' reati kolpuzi. Il-leġislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per eżempju, ad insaputa tiegħu jitqiegħdlu xi droga fil-bagalja tiegħu u dan jibqa' dieħel biha f'Malta. Mill-*

*banda l-oħra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun daħħlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew daħħlitha xjentement, jiġifieri li kienet taf bl-eżistenza ta' dak l-oġġett, li dak l-oġġett hu droga, u għalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddaħħal id-droga, salv prova (imqar fuq bażi ta' probabbilità) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni għal tali prova skond l-artikolu 26 (2).*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Marzouki Harchemi Beya bent Abdellatif talli: (1) fl-4 ta' Novembru, 1996, f'dawn il-Gżejjer importat, ġiegħlet tiġi importata jew għamlet xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża f'dawn il-Gżejjer bi ksur tal-liġi; (2) talli fl-4 ta' Novembru, 1996, għall-ħabta tat-8.00 a.m. fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina bi ksur tal-liġi u f'ċirkostanzi tali li juru li l-pussess ta' aktar minn 200 gramma eroina ma kienx għall-użu esklussiv tagħha; (3) talli fl-4 ta' Novembru u l-jiem ta' qabel assoċjat ruħha ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex tbiegħ jew tittraffika mediċina perikoluża f'dawn il-Gżejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwoviet, ikkostitwiet, organizzat jew iffinanzjat din l-assoċjazzjoni; (4) talli hija immigrant ipprojbita skond l-artikolu 5 (2) tal-Kap. 217; L-Ewwel Qorti kienet ukoll mitluba li barra milli tagħti l-piena tordna l-ħlas ta' l-ispejjeż peritali skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll li tiddikjara lill-imputata bħala immigranta pprojbita u toħroġ ordni ta' tneħħija kontra tagħha skond l-artikolu 15 tal-Kap. 217;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-1 ta' Lulju, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija

Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif ħatja skond l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet, iżda ma sabithiex ħatja skond it-tielet imputazzjoni u minnha lliberatha; dik il-Qorti kkundannatha sitt snin priġunerija (li minnu għandu jitnaqqas iż-żmien li hija kienet għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ) u multa ta' tlett elef lira (Lm3,000); ikkundannatha tħallas l-ispejjeż peritali kollha li saru fil-kawża u dan fi żmien tletin ġurnata minn meta tiġi hekk notifikata mir-Reġistratur, u fl-aħħarnett iddikjarat lill-istess Marzouik Hachemi Beya bent Abdellatif immigranta pprojbita u ordnat li wara li tiskonta l-piena jinħareġ ordni ta' tneħħija kontra tagħha;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif, minnha ppreżentat fl-10 ta' Lulju, 1997, li permezz tagħha talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellanti għandha diversi aggravji, xi uħud ta' natura fattwali, oħrajn ta' natura legali, però din il-Qorti tara li l-kwistjoni kollha ta' dana l-appell hi jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova sal-grad li trid il-liġi li l-appellanti kienet taf li dak li kienet qed iġġorr u dak li daħħlet Malta kienet droga;

Il-liġi tagħna, kemm għal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tużax il-kelma "xjentement"; fi kliem ieħor il-liġi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tiegħu" (artikolu 8 (a) (ċ), Kap. 101), "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap. 101) u <u>mhux</u> dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tiegħu", "xjtenement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Għalkemm

il-leġislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma jużax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati dolużi u mhux sempliċement ta' reati kolpużi. Il-leġislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per eżempju, ad insaputa tiegħu jitqiegħdlu xi droga fil-bagalja tiegħu u dan jibqa' dieħel biha f'Malta. Mill-banda l-oħra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun daħħlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew daħħlitha xjentement, jiġifieri li kienet taf bl-eżistenza ta' dak l-oġġett, li dak l-oġġett hu droga, u għalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddaħħal id-droga, salv prova (imqar fuq bażi ta' probabbilità) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni għal tali prova skond l-artikolu 26 (2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: **P *vs* Charles Clifton**, 5/7/82, **P. *vs* Martin Xuereb**, 20/9/96, **P. *vs* Seiffedine Mohamed Marshan**, 21/10/96 u **P. *vs* John Borg**, 23/6/97, kollha appelli kriminali);

*Omissis*;

L-appellanti tilmenta ukoll li ma inġabitx l-aħjar prova mill-prosekuzzjoni peress li xi tiċpis li rriżulta li kien hemm fuq il-kapsuli ma ġiex eżaminat fid-dettal. Dan sempliċement fisser li kien hemm prova anqas. Però l-provi li kien hemm kienu, fil-fehma tal-Qorti, biżżejjed biex iwasslu għall-ħtija ta' l-appellanti;

L-appellanti tilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti applikat ħażin id-disposizzjoni tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 26 tal-Kap. 101. Dan l-aggravju hu infondat. L-Ewwel Qorti ma daħlitx f'din id-disposizzjoni għax ma emmnitx li l-appellanti ħasbet li fil-kapsuli kien hemm flus;

Fl-aħħarnett l-appellanti tilmenta dwar il-piena. Din il-Qorti, però, ma tara li hemm ebda lok ta' varjazzjoni fil-piena ħlief għal dak li jirrigwarda l-ispejjeż peritali u l-perijodu li

għandu jitqies bħala li jifforma parti mill-arrest preventiv;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imsemmija Marzouki Hachemi Beya bent Abdellatif tħallas l-ispejjeż peritali kollha u minflok tikkundannaha tħallas biss nofs dawk l-ispejjeż, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan però li ż-żmien li hija għamlet arrestata fil-mori ta' dana l-appell għandu jitqies bħala parti mill-perijodu ta' l-arrest preventiv li għandu jitnaqqas mill-piena ta' sitt snin priġunerija.

---